MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 57/2010/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**v.**

**Husam Faiz el Lafi**

**[recte: Spettur Michael Mallia**

**v.**

**Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali]**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn kundanna ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

**2.** Kollox beda waqt l-udjenza tal-5 ta' Marzu 2010 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), quddiem liema Qorti tressaq b'arrest Husam Faiz el Lafi, Egizzjan, akkuzat b'serq kwalifikat, sekwestru tal-persuna, u li garr strument bil-ponta u li jaqta' minghajr id-debita licenzja. Wara li l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Michael Mallia, kkonferma r-rapport bil-gurament – l-imputazzjonijiet kienu jimpurtaw piena in eccess minn dik tal-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk il-procedura segwita kienet dik tal-istruttorja ossia kumpilazzjoni – fil-kors tal-ezami tal-imputat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Kriminali, l-imsemmi el Lafi ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Il-Qorti taghtu zmien biex jahsibha – dejjem kif rikjest skond ir-rit penali – u meta l-imputat ippersista fl-ammissjoni tieghu, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza (u kkundannatu tliet snin prigunerija u ordnat il-konfiska tal-arma). Wara li gie registrat dan kollu, inkluz il-fatt li kienet inghatat sentenza, il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Marzu 2010 ikompli hekk:

**"Il-Qorti tinnota illi l-akkuzi dedotti ma jindikawx l-artikolu tal-Kodici Kriminali rilevanti ghall-istess u peress li dan jinvolvi hela ta' hin lill-Qorti, tqis l-istess bhala disprezz lejn l-Awtorita` taghha u ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 989 tal-Kap. 12 tikkundanna lill-Ispettur Michael Mallia ghall-multa ta' mitejn Ewro (€200)."**

**3.** B'rikors prezentat fit-8 ta' Marzu 2010 – cioe` entro t-terminu ta' jumejn stabbilit fl-Artikolu 1003(2) tal-Kap, 12, billi s-sitta u s-sebgha ta' Marzu kienu jien tas-Sibt u tal-Hadd – l-imsemmi Spettur Mallia appella minn din il-kundanna. Huwa, bazikament, jikkontendi illi ma seta' qatt jinstab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti ghax dak li hu ghamel – jew naqas milli jaghmel – ma jistax jitqies bhala disprezz, u anqas ma hu kontemplat bhala tali.

**4.** L-intimat Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, apparti li osserva li l-okkju li bih gie intavolat ir-rikors tal-appell (cioe` “Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia) v. Husam Faiz el Hafi”) kien zbaljat, wiegeb li s-sentenza ossia kundanna tal-5 ta’ Marzu 2010 fil-konfront tal-imsemmi Spettur kienet wahda gusta u li kienet timmerita konferma. Skond l-istess intimat, l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Inferjuri ma kienitx appellabbli peress li l-Artikolu 1003(1) kjarament jghid li ma hemmx appell minn sentenzi moghtija taht l-Artikoli 990 jew 991 tal-Kap. 12, u dawn id-disposizzjonijiet jirreferu ghad-disprezz *in faciem curiae* taht l-Artikolu 989.

**5.** Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum.

**6.** Jibda biex jinghad li l-intimat Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, ghandu ragun ghal dak li jirrigwarda l-okkju ta’ dawn il-proceduri ta’ disprezz. Kif jghid is-subartikolu (4) tal-Artikolu 1003 tal-Kap. 12, *“Is-sentenzi moghtija taht dan it-Titolu ma jaghmlux parti mill-atti tal-kawza li matul is-smigh taghha dawk is-sentenzi jkunu gew moghtija.”* Il-partijiet f’dawn il-proceduri huma l-Ispettur Mallia u r-Registratur, u huma dawn li kellhom jigu indikati fl-okkju. Pero` din hija smplici kwistjoni ta’ formalita` li tista’ tigi korretta – kif fil-fatt qed tigi korretta billi qed jigi indikat f’din is-sentenza l-okkju kif suppost ghandu jkun. Fis-sustanza huwa car minn liema kundanna qed jappella l-Ispettur, u, apparti minn hekk, ir-rikors ta’ appell gie, korrettement, notifikat lill-istess Registratur (li, kif rajna, anke wiegeb ghar-rikors).

**7.** Mill-bqija, pero`, din il-Qorti b’ebda mod ma tista’ tikkondividi l-fehemiet tal-intimat Registratur. Ghalkemm huwa minnu li minn kundanni ghal disprezz *in faciem curiae* (taht l-Artikoli 990 u 991 – u l-Artikolu 990 jorbot necessarjament mal-Artikolu 989) ma hemmx appell, ma jfissirx li billi l-Qorti ta’ prim istanza tinvoka xi wiehed minn dawn l-artikoli allura tista’ tippriva lil dak li jkun milli jappella anke meta l-fatt fih inffisu <u>ikun manifestament jezorbita mill-parametri tal-imsemmija artikoli</u>. Il-proceduri

ta' disprezz huma, min-natura taghhom, ta' indoli penali (kif tajjeb osserva l-appellant), u ghalhekk irid neccessarjament ikun hemm certa kjarezza u certezza fil-ligi qabel ma wiehed jispicca jigi kkundannat. Bil-kontra, ikun qed jigi lez id-dritt fondamentali ta' dak li jkun, liema dritt hu enkapsulat fil-massima *nullum crimen sine lege*. Fi kliem iehor, mhux kullma gudikant jista' jahseb li jammonta ghal disprezz, jew forsi jixtieq li jkun punibbli bhala disprezz, huwa punibbli bil-procedura sommarja tad-disprezz, izda hija l-ligi li tghid x'jammonta jew jista' jammonta ghal tali disprezz. Issa, fil-kaz in dizamina, il-Qorti Inferjuri invokat l-Artikolu 989 li jghid, testwalment: *"Hadd ma jista' f'seduta tal-qorti jaghmel esklamazzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' disapprovazzjoni, jew b'mod iehor ifixkel l-attenzjoni tal-qorti."* L-Artikolu 990, imbaghad, jipprovdi ghall-pieni. L-Artikolu 989 kjarament jirreferi ghal atti li bihom wiehed igib ruhhu b'mod mhux xieraq fl-awla – proprju ghalhekk il-*margin note* ta' dana l-artikolu titkellem dwar "imgieba mhux xierqa *in faciem curiae*". Li wiehed jonqos milli jaghmel xi haga u, *per di piu`* xi haga li lanqas ma hu obbligat bil-ligi li jaghmel (cioe` li jindika d-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet migjuba kontra persuna akkuzata), b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista' tammonta ghal xi forma ta' esklamazzjoni u anqas ghal xi att li jfixkel l-attenzjoni tal-qorti. Tali "nuqqas", infatti, ma jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti taht ebda disposizzjoni tal-ligi. Anke jekk – u dan qed jinghad ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss – tali "nuqqas" kellu jitqies bhala xi forma ta' inefficjenza da parti tal-appellant, jew ta' injoranza da parti tieghu tad-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi, tali inefficjenza u injoranza ma jammontawx ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti (ara, differentement u fil-kaz ta' atti fiergha jew vessatorji, jew meta parti ttawwal il-proceduri bla bzonn, f'kawzi civili il-partita 10 tat-Tariffa A tal-Kap. 12, u anke hawn mhux kaz ta' disprezz izda ta' spejjez addizjonali li jigu imposti mill-Qorti li tkun).

**8.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka l-kundanna ta' €200 imposta fil-konfront tal-appellant mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) fl-imsemmija udjenza tal-5 ta' Marzu 2010, u tiddikjara ghal kull buon fini li l-imsemmi appellant ma kkommetta xejn li jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti bis-semplici fatt illi naqas milli jindika d-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi. Spejjez ta' dana l-appell, jekk hemm, jithallsu mir-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------